MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2013

Numru. 730/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Helga Debono**

**VS**

**Charles Cassar, iben Charlie u Tessie nee' Refalo, imwieled l-Awstralja nhar it-13 ta' Awwissu, 1966, residenti fil-fond 5, Farmhouse, Triq il-Belt Valletta, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita' numru 504392M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Charles Cassar** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Mejju, 2000, u fix-xhur ta' wara, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi:

1. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien minn falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe' ghamel falsifikazzjoni ta' diversi firem ta' Colombo u Joe Borg fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta, Mr and Mrs Colombo, u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess skritturi jew kitba falza, u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli ffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, u cioe' cekkiijet tal-Bank of Valletta, fuq l-akkont ta' Mr and Mrs Colombo, u persuni ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bih hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn banek jew stabbiliment pubbliku iehor, imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta msemmija, u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm350.00 u Lm170.00 ghad-detriment ta' Brian Tyre Services bi hsara ghal C Falzon, Bank of Valletta, Brian Tyre Services, u persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli kkommetta serq minn go vettura ta' tliet cekkijiet minn cekk book tal-Bank of Valletta mahrug lil Mr and Mrs Colombo, u dan ghad-detriment ta' Bank of

Valletta, il-konjugi Colombo u persuni ohra, bi ksur tal-Artikoli 261 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi l-imputat wiegeb illi kien hati tal-istess, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll illi l-Avukat Generali baghat il-kunsens tieghu ghall-istess.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal dawn il-proceduri.

Rat illi mis-sena 2002 sas-sena 2013, l-imputat fil-maggor parti, jew ma kinx notifikat jew ma deherx l-Ufficjal Prosekutur, tant illi l-Qorti anke halliet din il-kawza sine die.

Rat illi meta fl-ahhar ingab l-imputat – **fis-sena 2013**, (anke wara li l-Qorti wissiet lill-Ufficjal Prosekutur li ser issibu hati ta’ disprezz), l-imputat rega’ kkonferma l-ammissjoni minnu registrata hafna snin qabel fl-interrogatorju.

Rat ukoll illi fis-seduta ta’ wara, ma tressqu ebda provi in difesa, anzi l-imputat rega’ kkonferma l-ammissjoni tieghu, u gie vverbalizzat li kien ser isir depozitu tas-somma suggett ta’ dawn il-proceduri, u a saldu ta’ kull pretensjoni.

Semghet lill-Ispettur Ian Abdilla jiddikkjara x’kienet is-somma pretiza.

Rat in-nota li biha giet depozitata s-somma ta’ elf mitejn u hdax-il Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu(€1,211.27) ekwivalenti ghal hames mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm520.00)

Ghaldaqstant din il-Qorti, qieghda wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, issibu hati tar-reati kif dedotti kontra tieghu, ai termini tal-Artikoli 183, 184, 167, 169, 308, 309, 310, 261, 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat ukoll fil-konfront tal-piena, l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar l-istess piena, rat il-fedina penali tal-imputat kif prezentata lilha **snin** ilu, vicin iz-zmien tad-data tal-akkuza;
Qieset il-pagament minnu affettwat u konsegwentement wara anke li qieset iz-zmien illi hu naqas milli jidher ghal dawn il-proceduri, it-tul ta' dawn il-proceduri;
Tqis illi ghandu jbaghti piena karcerarja sospiza, u ghalhekk, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena u nofs(1½) sospizi ghal tlitt(3) snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------